REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 169/2008

tal-25 ta' Frar 2008

li jeskludi s-subdiviżjonijiet 27 u 28 ta' l-ICES minn ċerti limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd u minn xi obbligi tar-reġistrazzjoni għall-2008, b'segwitu għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rapporti mressqa mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 jistipula dispożizzjonijiet għall-istabbiliment ta' limitazzjonijiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u dwar ir-reġistrazzjoni ta' dejta dwar l-isforz tas-sajd.

(2) Abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007, l-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1404/2007 [2] stabbilixxa limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd għall-2008 fil-Baħar Baltiku.

(3) Skond l-Artikolu 29(2) u l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007, il-Kummissjoni tista' teskludi s-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 mill-ambitu ta' ċerti limitazzjonjiet ta' l-isforz tas-sajd u minn obbligi tar-reġistrazzjoni tas-sajd meta l-qabdiet tal-merluzz kienu taħt ċertu livell fl-aħħar perjodu ta' rappurtar.

(4) Fid-dawl tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri u tal-parir ta' l-STECF, is-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 għandhom ikunu eskluży, fl-2008, mill-ambitu ta' dawk il-limitazzjonjiet ta' l-isforz tas-sajd u minn dawk l-obbligi tar-reġistrazzjoni.

(5) Minħabba li kellu jiġi żgurat li setgħet titqies l-aħħar informazzjoni disponibbli mingħand l-Istati Membri, u biex il-parir xjentifiku jitħalla jissejjes fuq l-aktar tagħrif preċiż, ma setgħetx tintlaħaq l-iskadenza aħħarija stipulata fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 għall-konklużjoni finali rigward il-ħtieġa ta' l-esklużjoni tas-Subdiviżjonijiet rispettivi.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1098/2007 u Nru 1404/2007 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2008. Biex tkun żgurata il-koerenza ma' dawk ir-Regolamenti, dan ir-Regolament għandu japplika retroattivament minn dik id-data.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 ma għandhomx japplikaw għas-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 ta' l-ICES.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.
[2] ĠU L 312, 30.11.2007, p. 1.